ŻEBBUĠ

<u>Minuti</u> **tas-Seduta Nru. 08/12**
***Kienet addottata Aġenda nru. 06/2012***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: Il-Ħamis, 19 ta' Lulju 2012**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Mario Cassar – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Maria Saliba – Kunsilliera**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 07/12

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 07/12 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 07/12

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

## 4. MINUTI – KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN BIN-NRU. 31/12 U 32/12

Il-minuti tal-laqgħat bin-nru. 31/12 u 32/12 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvata mill-Kunsill.

ATTIVITA’ *CAR FREE DAY* 2012

Il-Viċi Sindku pprepara proposta għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill. Is-Sur Cassar ippropona li ssir attivita’ fiż-Żebbuġ, fit-triq ta’ wara l-Knisja l-Ħadd filgħodu 16 ta’ Lulju u attivita’ oħra ġewwa Marsalforn, fi Triq il-Port. Is-Segretarja Eżekuttiva ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li s-sejħa għal proposti għalqet fis-16 ta’ Lulju 2012. Ġie deċiż li tintbagħat *e-mail* lil persuna nkarigata biex nuru l-interess tal-Kunsill.

TRAQQIEGĦ TA’ TOROQ FIŻ-ŻEBBUĠ

Is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-mejda tal-Kamra stejjem li għamel il-Perit tal-Kunsill għal xogħol ta’ traqqiegħ bil-*cold asphalt* fuq ir-raħal u fi Triq is-Sagħtrija.
Il-Kunsill ftiehem li jitkellem ma’ tar-Roads Department dwar il-possibbilita’ li dan ix-xogħol isir minnhom.
Dwar Triq iż-Żebbuġ, ġie deċiż li terġa’ tintbagħat ittra lid-Direttur tal-Proġetti u Żvilupp ikkupjata lill-Ministeru għal Għawdex.

PJAZZA L-ASSUNTA

Il-Kunsill approva:

- li jinqalgħu s-siġar tal-Oleander ta’ ġol-pjazza; tintalab stima lil Axiaq Richard, Borg Godfrey u Cefai Joseph u l-irħas minn fosthom jagħmel ix-xogħol.
- nibgħatu lil Transport Malta biex isiru l-*parking bays* fin-nofs tal-pjazza skont il-pjanti tal-Perit.

## 5. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta’ din il-korrispondenza:-

Talba ta’ Carmel Vella biex titwaħħal bozza ġdida faċċata tar-residenza 63 Triq Skapuċċina. Il-Kunsill approva t-talba ta’ Vella.

Ittra ta’ Carmelo Saliba dwar sentenzi tal-Qorti t’ Għawdex li nqatgħu fil-konfront tiegħu.
Is-Sindku staqsa lil Saliba li kien preżenti għall-laqgħa, x’ qed jitlob mill-Kunsill?
Saliba waqt li qara l-ittra tiegħu mill-ġdid, qal bagħat l-ittra biex il-Kunsill ikun infurmat. Saliba qal li kien ser jieħu parir legali u qal tajjeb li l-Kunsill jara prattiċi li ntużaw qabel.
Meta s-Sindku nsista biex jingħata risposta għall-mistoqsija tiegħu, Saliba qal f’ dan l-istadju la qed jirrinunzja u lanqas jippretendi.

Il-Kunsillier Refalo qal Saliba bagħat l-ittra biex infurma lill-Kunsill.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Iċ-ċedola tal-pagamenti skeda nru. 04/2012 – DOK A kienet approvata u ffirmata mill-Kunsillieri.

## 7. SEJĦIET GĦALL-OFFERTI

KOSTRUZZJONI TA' BANKINI

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li kienet intefgħet offerta waħda għall-Kuntratt tal-bankini. Qalet l-offerta hi ta' Paul Caruana €892.90 bankini bil-paving *block*s u €994.40 bankini tal-i*stenciled concrete*.

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ir-rapport tal-Perit tal-Kunsill fejn irrakkomanda li l-kuntratt għandu jingħata lil Paul Caruana.
Il-Kunsill approva l-għoti tal-Kuntratt tal-bankini lil Caruana.

MANIFATTURA U TWAĦĦIL TA' TABELLI TAT-TRAFFIKU U TA' INFORMAZZJONI

Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li ntefgħet offerta waħda għall Kuntratt tat-tabelli. Qalet l-offerta hi ta' Raphael Refalo opt A €2,928.76 u opt B €1,860.80.

Is-Segretarja Eżekuttiva qrat ir-rapport tal-Perit tal-Kunsill fejn irrakkomanda li l-kuntratt għandu jingħata lil Raphel Refalo.

Il-Kunsill qabel li l-kuntratt tat-tabelli jingħata lil Raphael Refalo u t-tabelli jsiru skont opt B.

TINDIF TA' TOROQ MHUX URBANA

Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li ntefgħet offerta waħda għall-Kuntratt tat-tindif ta' toroq mhux urbana. Qalet l-offerta hi ta' Paul Zammit items i-iv €0.05/sqm, v €0.50/sqm u vi €1.43/sqm.

Il-Kunsill approva l-għoti tal-Kuntratt tat-tindif ta' toroq mhux urbana lil P. Zammit.

Il-Kunsill qabel li jinqata' l-ħaxix f' dawn it-toroq:

- Triq Għajn Mhelhel, Triq Wied l-Infern, Triq Wied l-Abjad, Triq tal-Kanun, Triq Ta' Tutiet u Triq Daħlet ta' Merżuq.

## 8. IL-FESTA TA' SANTA MARIJA

Il-Kunsill qabel li jirrevedi l-budget tiegħu u mill-kont Vjaġġar/Safar jitrasferixxi €2,500 għal ġol-kont Ospitalita' u Servizzi lill-komunita' u jħalli €1,000 għal safar u vjaġġar għall-2012.

Għall-festa ta' Santa Marija, il-Kunsill approva:

- kunċert bil-kollaborazzjoni tas-Soċjeta' Filarmonika Sta Marija nhar l-10 ta' Awwissu fi Pjazza l-Assunta (budget ta' €1,000).
- attivita' soċjali bil-kollaborazzjoni tal-Kumitat Zebbug Rovers FC nhar is-16 ta' Awwissu fi Triq il-Knisja (budget ta' €600).
- Sky Concert nhar lejlet il-festa fi Triq il-Knisja (budget ta' €1,400).
- tiġrijiet taż-żwiemel (budget ta' €1,000).
- pubblikazzjoni ta' fuljett fl-okkażjoni tal-festa.
- nikkordinaw biex il-grawnd tal-iskola jinżamm miftuħ għall-*parking*.
- servizz ta' gwardjan lokali s-Sibt lejlet il-festa mis-7.00pm sal-11.00pm.
- *banner* – awgurju għall-festa.

Il-Kunsill approva x-xiri ta' tmintax-il turtiera tal-i*stainless steel* jiswew €59.09 il-waħda mingħand George Formosa għall-attivitajiet tal-Kunsill u l-attivitajiet li jsiru fil-komunita'.

## 9. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

Ilment 04/2012 – Joseph Cini
Biex jitħammel gandott tal-ilma tax-xita fil-limiti ta' Triq Wied l-Infern. Il-Kunsill approva t-talba ta' Cini; jagħmel ix-xogħol Richard Axiaq.

Ilment 38/2012 – is-Sindku
Titħammel mina li tinsab taħt trejqa f' Wied l-Infern. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob għall-ħaddiema tal-IPSL biex jagħmlu din il-biċċa xogħol.

Ilment 39/2012 – Joseph Camilleri
Għandu talba biex isir xogħol ta' traqqiegħ bil-konkos fi Triq Ta' Tutiet. Il-Kunsill approva t-traqqiegħ ta' Triq Ta' Tutiet u rampa fl-istess triq; jagħmlu x-xogħol il-ħaddiema tal-Kunsill.

Ilment 40/2012 – Violet Vella
It-tindif tal-imirja tat-traffiku. It-tindif tal-imirja se jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Ilment 412012 – Angelico Cini
Talab biex jinbena ħajt ta' lqugħ fi Triq Wied l-Infern. Il-Kunsill ftiehem li ssir *site visit*.

Ilment 42/2012 – Joseph Camilleri

Timtela ħofra fit-triq ta' Għajn Quċċat. Is-Sindku qal għat-triq ta' Għajn Quċċat hemm bżonn ta' gaffa biex issir it-twittija tat-triq. Il-Kunsill qabel li jordna lil Richard Axiaq.

Ilment 43/2012 – is-Sindku
Għandu talba għal lampa ġdida fi Triq Skapuċċina. Il-Kunsill approva t-talba għal lampa ġdida fi Triq Skapuċċina.

Ilment 44/2012 – Anthony Farrugia
Isir *double yellow line* fil-bidu ta' Triq il-Ponta. Il-Kunsill ftiehem li jressaq il-proposta u li jsir sinjal fin-nofs tat-triq għall-kunsiderazzjoni ta' Transport Malta.

Ilment 45/2012 – il-Kunsilliera Marija Saliba
Issir żona riservata għall-għawwiema fil-Bajja tax-Xwejni. Proposta tkun kunsidrata mill-Kunsill għas-sajf tas-sena d-dieħla.

Ilment 46/2012 – is-Sindku
Għandu talbiet biex:

- isir sinjal mal-art 'Stop' fi Triq il-Kappillan Franġisk Vella kantuniera ma' Triq il-Knisja.
- sinjal mal-art juri 'Give Way' fi Triq il-Kappillan Franġisk Vella kantuniera ma' Triq il-Ponta.
- lampa ġdida ma' arblu tal-Enemalta faċċata tar-residenza 'Chelsea' Trejqa tal-Andar.
- trasferiment ta' lampa fi Triq Ta' Milied.

Il-Kunsill approva t-talbiet.

Ilment 47/2012 – Frances Mallia
Talbet biex jinżebgħu r-*railings* u l-fanali ta' ġo Sqaq Anton Mallia. Issir talba għal ħaddiema tal-IPSL.

## 10. MATERJA OĦRA

Il-Kunsill qabel li jorganizza trasport għall-programm Oħloq Tbissima l-Ġimgħa 3 ta' Awwissu.

## 11. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna *sine die*.

| | |
|---|---|
| Nicky Saliba | Diane Tagliaferro |
| Sindku | Segretarja Eżekuttiva |